MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.
ANTHONY ELLUL**

Seduta tal-25 ta' Ottubru, 2002

Talba Numru. 1948/2002

**Exco Services Limited**

**Vs**

**Davison Properties Limited**

**It-Tribunal,**

Ra l-avviz tat-talba li permezz tieghu is-socjeta attrici talbet il-hlas tas-somma ta' mija u hamsa u tmenin lira Maltija u erbgha u sittin centezmu (Lm185.64) hlas dovut ghal ghoti ta' servizz ta' segretarju socjetarju favur is-socjeta konvenuta, liema hlas ghadu ma sarx.

Ra li mill-atti jirrizulta li ghalkemm is-socjeta konvenuta giet debitament notifikata, ma kkontestatx il-kawza fit-terminu preskritt mil-ligi u lanqas dehret ghas-seduti.

Semgha lill-avukat Dr. Luigi Sansone in rapprezentanza tas-socjeta attrici jikkonferma bil-gurament l-avviz tat-talba kif ukoll li l-ammont mitlub ghadu kollu dovut.

Ra d-dokumenti a fol. 3 sa 10 tal-process.

Ghaldaqstant, peress illi t-talba tas-socjeta attrici tirrizulta sodisfacentement ippruvata, u wara li ra l-Artikolu 13(b) tal-Att V tal-1995, it-Tribunal jilqa' t-talba u jikkundanna lis-socjeta konvenuta ihallas is-somma ta' mija u hamsa u tmenin lira Maltija u erbgha u sittin centezmu (Lm185.64), bl-imghax kif mitlub.

L-ispejjez [mhux inkluzi d-drittijiet legali] huma ghak-karigu tas-socjeta konvenuta.

**Avukat Dr. Anthony Ellul**
**Gudikatur.**

--------------------------------TMIEM--------------------------------